

31994D0392

12.7.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 178/75

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Ġunju 1994

li tapprova bdil ta' ittri bejn il-Komunità u r-Repubblika tar-Rumanija li temenda l-Ftehim Interim fuq il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tar-Rumanija, min-naħa l-oħra, u l-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tar-Rumanija, min-naħa l-oħra, it-tnejn kif emendati mill-Protokoll Addizzjonali ffirmat fil-21 ta' Diċembru 1993

(94/392/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' l-Ewropa ffirmat fi Brussel fl-1 ta' Frar 1993 ⁽¹⁾, kif emendat mill-Protokoll Addizzjonali ffirmat fil-21 ta' Diċembru 1993 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ⁽³⁾ iffirmit fi Brussel fl-1 ta' Frar 1993 (1), kif emendat mill-Protokoll Addizzjonali ffirmat fil-21 ta' Diċembru 1993,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim Interim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1993;

Billi l-applikazzjoni ta' l-Annessi XI a u XII a u tal-Protokoll 3 saret tard għal raġunijiet li għalihom ir-Rumanija ma tistax tinżamm responsabbli;

Billi l-Ftehim Interim jipprovdi għal konċessjonijiet kwantitattivi;

Billi għalhekk huwa xieraq li jitmexxew 'il quddiem għas-snin sussegwenti ċerti kwoti jew massimi, li ngħataw għall-1993 iżda li ma setgħux jintużaw mir-Rumanija;

Billi mill-1 ta' Mejju 1993, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim, ir-Rumanija ma bbenefikatx aktar mill-iskema Komunitarja ta' preferenzi tat-tariffa ġeneralizzati;

Billi huwa għalhekk approprjat li jitmexxew 'il quddiem il-konċessjonijiet imsemmija fl-Annessi XI a u XII a u l-Protokoll 3 tal-Ftehim Interim u l-Ftehim ta' l-Ewropa;

Billi f'dan is-sens il-Kummissjoni nnegożjat f'isem il-Komunità Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri li jemenda l-Ftehim Interim u li

jemenda l-Ftehim ta' l-Ewropa, it-tnejn li huma kif emendati bil-Protokoll Addizzjonali;

Billi l-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jemenda l-Ftehim Interim fuq il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, qiegħed b'hekk jiġi approvat fisem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri qed jiġi anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'hekk jiġi awtorizzat biex jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex jorbot lill-Komunità.

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika għan-nom tal-Komunità Ewropea li l-proċeduri meħtieġa saru.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIMITIS

⁽¹⁾ Il-Ftehim ta' l-Ewropa għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 25, tad-29.1.1994, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 81, tat-2.4.1993, p. 2.